MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1106/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**KONTRA**

**MATTHEW GRECH**

**Il- Qorti;**

Wara li rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra;

Matthew Grech ta’ 33 sena, bin Brian u Jennifer nee’ Vella Tomlin, mwieled San Giljan nhar is- 7 ta’ Settembru 1978, residenti 9, Al Farah, Triq it- Tomna, Swieqi u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 513178M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar l- 1 ta’ Ottubru 2011 ghall- habta ta’ 11.55pm gewwa dawn il- Gzejjer;

1) bi vjolenza jew b’ theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x’ taqsam mal- kariga taghhom;

2) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il- persuna ta’ wiehed inkarigat skont il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- ezekuzzjoni ta’ dak is- servizz;

3) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kien jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghti skont ikl- Ligi minn awtorita’ kompetenti;

4) talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fuq il- vettura tal- Pulizija tal- ghamla Ford Focus bin- numru tar- registrazzjoni GVP 534 ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta liema hsara tammonta ghal izjed minn €116.47 izda ma tiskorrix l- €1,164.69;

5) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l- ordnijiet legittimi tal- awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkargiat minn servizz pubbliku,. Jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id- dmirijiet tieghu, jew b’ xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b’ Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix- xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skont il- Ligi;

6) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- kwiet u l- buon ordni pubblika b’ ghajjat u glied;

7) talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxen li jikkonsisti f' dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni b' xi mod iehor offenda l-morali, l- imgieba xierqa jew id- dicenza pubblika;

8) talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi f' lok pubbliku jew miftuh ghall- pubbliku kien jinsab fis- sakra b' mod li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu;

9) talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura fit- triq jew f' post pubbliku iehor meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew alcohol;

10) u fl- ahhar talli nhar it- 2 ta' Ottubru 2011 gewwa l-ghassa tal- Hamrun ghall- habta ta' 12.09am irrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan- nifs ghall- analizi permezz ta' strument approvat mill- Ligi;

Rat id- dokumenti kollha ezebiti;

Rat l- atti kollha tal- kawza;

Semghet ix- xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

Rat ir-rapport imhejji mill-Ufficjal tal-Probation, fejn gie mfisser u muri lill-Qorti li l-imputat ghandu diffikulta' ta' kontroll fuq il-konsum tal-alkohol;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli91, 95, 325(1) (b), 338(ee), 338 (dd), 338 (bb), 338 (ff) tal- Kapitolu 9 u l- Artikoli 15A u 15E(4) tal- Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna li l-imputat jitqieghed taht ordni ta’ probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal sena.

Il- Qorti tordna li jinhareg Ordni ta’ Trattament ai terminiu tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal sena.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------